MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 1136/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**ANDREI ZERAFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Andrei Zerafa ta’ 29 sena bin Paul u Adelina nee’ Scicluna, mwieled Pieta’ nhar it- 12 ta’ Dicembru 1982, residenti 28, Triq Dun Salv Gatt, Marsaxlokk u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 2883M;

Talli ;

1) gewwa Bormla nhar it- 30 ta’ Awwissu 2010 u fil-gimghat ta’ qabel, ikkommetta diversi serq minn Palombo Dry Docks liema fond jinsab gewwa Bormla, liema serq

huwa kkwalifikat bil- mezz u bil- valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2329.37 u dan sar ghad- detriment tad-dirigenti tal- imsemmi fond u/ persuni ohra;

2) aktar talli kiser il- provvediment tal- probation a tenur tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 fejn gie misjub hati b' sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr L. Quintano LL.D datata 22 ta'MArzu 2010 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl- istess ARtikolu;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 261, 263, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant fuq l- ewwel (1) akkuza tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Issib lill- imputat hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------